# PARLAMENT EWROPEW

*2004* *2009*

3.9.2007 0077/2007

# DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

skond l-Artikolu 116 tar-Regoli ta' Proċedura

minn Sharon Bowles and Glenys Kinnock

dwar l-eliminazzjoni ta' l-użu ta' tfal suldati

Data ta' skadenza: 3.12.2007

**0077/2007**

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar  l-eliminazzjoni ta' l-użu ta' tfal suldati**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Artikolu116 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi l-adozzjoni tal-Prinċipji u l-Impenji ta' Pariġi turi kunsens wiesa' kontra l-użu ta' tfal bħala suldati, in-NU tistima li xorta għad jeżistu aktar minn 250.000 tifel involut b'mod attiv f'konflitt armat madwar id-dinja.

B. billi l-bniet qed ikunu reklutati aktar f'konflitti armati u huma partikularment vulnerabbli, spiss il-vittmi ta' abbuż sesswali u ta' vjolenza.

C. billi d-definizzjoni ta' tifel suldat mhix limitata, iżda, għal tifel li jġorr l-armi iżda tinkludi kwalunkwe persuna taħt l-età ta' 18-il sena użata fi kwalunkwe kapaċità minn forza jew grupp armati, anke dawk użati bħala koki, purtinara, messaġġiera, spiji u għal skopijiet sesswali.

D. billi bosta minn dawn it-tfal jinħatfu b'mod sfurzat, jew ikunu mħajra jiġġieldu b'mezzi vjolenti, u f'xi każi reklutati b'mod sfurzat.

E. billi tfal suldati spiss jesperjenzaw trawma psikoloġika dejjiema u esklużjoni soċjali kif ukoll ħsara fiżika.

1. Iħeġġeġ lil kull pajjiż biex jirratifika l-Protokoll Alternattiv tan-NU mal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal dwar l-involviment ta' tfal f'konflitt armat u lil dawk li huma partijiet mit-trattat biex jikkonformaw b'mod sħiħ.

2. Iħeġġeġ li sanzjonijiet immirati ikunu applikati għal individwi li jirreklutaw tfal suldati jew li b'mod konxju jappoġġjaw li dawk li jwettqu dan.

3. Jistieden lill-Istati Membri kollha u lill-Kummissjoni Ewropea biex timpenja għal appoġġ finanzjajru sostenibbli għal proġetti ta' demobilizzazzjoni attwali, diżarmament u integrazzjoni mill-ġdid (DDR), u b'mod speċjali għal appoġġ tekniku u finanzjarju fuq perjodu ta' żmien fit-tul għall-integrazzjoni mill-ġdid reali ta' tfal;

4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri kollha biex jgħarrfu Responsabilità li Jipproteġu - li b'mod espliċitu tirreferi għat-tfal - b'mod parallel man-Nazzjonijiet Uniti.

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex iressaq din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri, lill-Kunsill ta' l-Ewropa u lin-Nazzjonijiet Uniti.